# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Frar, 2001.**

**Numru 32**

**Citaz. Nru. 576/00GV**

**Doris Galea u uliedha Elaine Cuschieri mart Raymond u Constantine Galea**

**vs**

**Charles Dimech u ghall kull interess li jista' jkollha martu Josephine Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi permezz ta' dikjarazzjoni datata 11 ta' Ottubru, 1999 annessa u mmarkata bhala Dokument A, l-konvenut huwa debitur ta' l-atturi fl-ammont ta' elfejn liri Maltin (Lm2,000) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovut bhala hlas ghall-bejgh u konsenja ta' vettura Van Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni AA1 635;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-atturi qed jipprezentaw ma din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond artikolu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dokument B);

Premess illi, avolja interpellat biex ihallas dan l-ammont il-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallas xejn;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddecidi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovut bhala hlas ghall-bejgh u konsenja tal-vettura Van Isuzu bir-registrazzjoni numru AA1 635.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar, 2000, tal-mandat ta' qbid datat 17 ta' Marzu, 2000 u bl-interessi legali mid-data meta l-pagament kien dovut kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-avukat tal-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza; Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata; Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tal-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**